Nru. 18,106
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju, 2007
Friday, 27th July, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 689

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XVI ta' l-2007 imsejjaħ l-Att ta' l-2007

Att Nru. XVII ta' l-2007 imsejjaħ l-Att ta' l-2007

Is-27 ta' Lulju, 2007

Nru. 690

ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJU, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-SEGRETARJU Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Bonello	Segretarju *Secretary*	Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *Public Service Commission*	30.07–20.8.2007

Is-27 ta' Lulju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 689

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XIII of 2007 entitled the

Act No. XIV of 2007 entitled the

27th July, 2007

No. 690

APPOINTMENT OF ACTING SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION

THE Permanent Secretary, in the Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

27th July, 2007

Nru. 691

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 363, il-persuna msemmija hawn taħt inħatret Segretarju Eżekuttiv ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali:

Lokalità	*Segretarju*
Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali	Jimmy Magro

L-20 ta' Lulju, 2007

No. 691

LOCAL COUNCIL SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of the provisions of Cap. 363, the following person has been appointed Executive Secretary of the Local Council Association.

Locality	*Secretary*
Local Council Association	Jimmy Magro

20th July, 2007

Nru. 692

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjonijiet li għandhom bżonn Stima ta' l-Impatt Ambjentali
Avviż skond Sezzjoni 7(5) tar-Regolamenti dwar l-Istima ta' l-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' l-2007)

L-APPLIKAZZJONIJIET imsemmija hawn taħt jeħtieġu stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjonijiet huma miġbura skond il-lokalità u jinkludu n-numru ta' l-applikazzjonijiet, it-titlu ta' l-iżvilupp u l-isem ta' l-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjonijiet hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu inklużi fl-Istima ta' l-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji ta' l-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet ġimgħat mid-data ta' dan l-avviż. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* ta' l- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: www.mepa.org.mt. Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq eiamalta@mepa.org.mt.

Sit Ta' Alla u Ommu, limiti tan-Naxxar	PA 6090/05

Bini ta' *micro enterprise park*

Is-Sur J. Gatt u s-Sur M. Scicluna

Site at Ta' Alla u Ommu, limits of Naxxar	*PA 6090/05*

Construction of micro enterprise park

Mr J. Gatt and Mr M. Scicluna

No. 692

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Applications that Require an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Section 7(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit applications are subject to an Environmental Impact Assessment. The applications are set out by locality and include the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of these applications can be seen at the offices of the Malta Environment & Planning Authority in Floriana

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three weeks from this notice. More information can be obtained from the MEPA website: www.mepa.org.mt Submissions are also received at eiamalta@mepa.org.mt.

Sit fil-Baċir Numru 1, Misraħ Gavino Gulia, Bormla	PA 8201/06	*Outline application* għar-rijabilitazzjoni u bini mill-ġdid tal-Baċir Numru 1 f'Bormla, li jinkludi faċilitajiet għal iktar minn użu wieħed, bini residenzjali, *landscaping*, restawr tal-bini eżistenti u mollijiet għall-*yachts* Is-Sur Paul Cardona għall-Gruppo Promesas
Site at No. 1, Dock Area, Misraħ Gavino Gulia Cospicua (Bormla)	*PA 8201/06*	*Outline application for the rehabilitation and redevelopment of the dock area at Bormla, to include residential and mixed use facilities, landscaping,restoration of existing buildings and yacht berthing facilities* *Mr Paul Cardona o.b.o. Gruppo Promesas*

Is-27 ta' Lulju, 2007

Nru. 693

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

27th July, 2007

No. 693

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
20. 07. 07	Lm6.84.9 (€15.95,3)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
23. 07. 07	Lm6.88.6 (€16.03,8)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
24. 07. 07	Lm6.87.5 (€16.01,4)	Lm0.14.3 (€0.33,3)
25. 07. 07	Lm6.89.3 (€16.05,6)	Lm0.14.4 (€0.33,5)
26. 07. 07	Lm6.85.9 (€15.97,7)	Lm0.14.3 (€0.33,3)

Is-27 ta' Lulju, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 75

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Lija

Nhar it-Tnejn, is-6 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. sal-

27th July, 2007

POLICE NOTICE

No. 75

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Lija

On Monday, 6th August 2007 from 5.00 p.m. to 11.00 p.m.

11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Ugo Mifsud, is-Salvatur, id-Dejqa, Merino, Preziosi, il-Forn, il-Kbira, Mikielanġ Borg, Mario Agius, Robert Mifsud Bonnici, Vjal it-Trasfigurazzjoni u Pjazza t-Trasfigurazzjoni.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-data msemmija huwa pprojbit, u għalhekk jiġu rmunkati.

Il-Qala - Għawdex

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Awissu 2007 mis-6.00 p.m. minn Pjazza San Ġużepp.

Nhar il-Ħamis, it-2 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, l-Isqof Caliaris, il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Belveder, it-30 ta' Ottubru, l-Isqof Buttigieg u t-28 ta' April 1688.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Franġisk, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, l-Indipendenza u l-Vittorja.

Nhar is-Sibt, l-4 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Franġisk, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, Belvedere, l-Imġarr, l-Indipendenza u l-Vittorja.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Awissu 2007 mid-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Franġisk, il-Qala, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, l-Imġarr, l-Indipendenza, il-Vittorja, il-Wardija, Pjazza r-Repubblika u Belveder.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Ir-Rabat - Għawdex

Nhar il-Ħadd, id-29 ta' Lulju 2007 mit-8.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: M.A. Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt u Pjazza tal-Katidral.

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Awissu 2007 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Maestro A. Lanzon, Patri M. Magri, parti ta' isfel tar-Repubblika u l-Exchange Junction.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Awissu 2007 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Pjazza Sabina.

through the following streets: Sir Ugo Mifsud, is-Salvatur, id-Dejqa, Merino, Preziosi, il-Forn, il-Kbira, Mikielanġ Borg, Mario Agius, Robert Mifsud Bonnici, Vjal it-Trasfigurazzjoni and Pjazza t-Trasfigurazzjoni.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Qala - Gozo

On Wednesday, 1st August 2007 from 6.00 p.m. through Pjazza San Ġużepp.

On Thursday, 2nd August 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: San Ġużepp, l-Isqof Caliaris, il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp, Belveder, it-30 ta' Ottubru, l-Isqof Buttigieg and it-28 ta' April 1688.

On Friday, 3rd August 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: San Ġużepp, San Franġisk, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, l-Indipendenza and il-Vittorja.

On Saturday, 4th August 2007 from 5.00 p.m. through the following streets: San Ġużepp, San Franġisk, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, Belvedere, l-Imġarr, l-Indipendenza and il-Vittorja.

On Sunday, 5th August 2007 from 9.30 a.m. through the following streets: San Ġużepp, San Franġisk, il-Qala, Pjazza San Ġużepp, l-Isqof Buttigieg, Pjazza l-Isqof Buttigieg, it-28 ta' April 1688, il-Kunċizzjoni, in-Nadur, l-Imġarr, l-Indipendenza, il-Vittorja, il-Wardija, Pjazza r-Repubblika and Belveder.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Victoria - Gozo

On Sunday, 29th July 2007 from 8.00 a.m. through the following streets: M.A. Refalo, Pjazza Indipendenza, it-Telgħa tal-Belt and Pjazza tal-Katidral.

On Saturday, 11th August 2007 from 6.00 p.m. through the following streets: il-Kapuċċini, Sir Luigi Camilleri, Maestro A. Lanzon, Patri M. Magri, lower ir-Repubblika and Exchange Junction.

On Sunday, 12th August 2007 from 8.00 a.m. to midnight through Pjazza Sabina.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Awissu 2007 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons. Luigi Vella, Għedrin, Sant'Ursola, ir-Repubblika u Pjazza Indipendenza.

Nhar it-Tnejn, it-13 ta' Awissu 2007 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq ir-Repubblika.

Nhar it-Tnejn, it-13 ta' Awissu 2007 mis-7.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, il-Kastell, Pjazza Katidral, ir-Repubblika, Palma u Vajringa.

Nhar it-Tlieta, l-14 ta' Awissu 2007 mill-5.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina u M.A. Refalo.

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Awissu 2007 mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A.M. Hili, il-Karità, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Awissu 2007 mill-11.00 a.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika u Pjazza Sabina.

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kastell, Palma, Vajringa u Pjazza Katidral.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-Birgu

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. minn Triq il-Mina l-Kbira quddiem il-Każin tal-Banda Prince of Wales biss.

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, il-Papa Alessandru VII, in-Nofsinhar, il-Majjistral, H. Tabone, Santa Skolastika, Post is-Sagra Infermerija, La Valette, il-Palazz Antik tal-Gvernatur, Sant'Antnin u Misraħ ir-Rebħa.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Mina l-Kbira, il-Kardinal, Desain u Misraħ ir-Rebħa.

On Sunday, 12th August 2007 from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Mons. Luigi Vella, Għedrin, Sant'Ursola, ir-Repubblika and Pjazza Indipendenza.

On Monday, 13th August 2007 from 8.00 a.m. through Triq ir-Repubblika.

On Monday, 13th August 2007 from 7.30 p.m. through the following streets: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, il-Kastell, Pjazza Katidral, ir-Repubblika, Palma and Vajringa.

On Tuesday, 14th August 2007 from 5.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza tal-Katidral, it-Telgħa tal-Belt, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina and M.A. Refalo.

On Wednesday, 15th August 2007 from 10.00 a.m. to 2.00 p.m. through the following streets: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Savina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, l-Arċipriet A.M. Hili, il-Karità, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Wednesday, 15th August 2007 from 11.00 a.m. to 11.00 p.m. through the following streets: San Leonardu, Fortunato Mizzi, ir-Repubblika and Pjazza Sabina.

On Wednesday, 15th August 2007 from 5.00 p.m. through the following streets: Sir Mikielanġ Refalo, Pjazza Indipendenza, Sir Adrian Dingli, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kastell, Palma, Vajringa and Pjazza Katidral.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Vittoriosa

On Wednesday, 22nd August 2007 from 5.00 p.m. onwards through Triq il-Mina l-Kbira infront of Prince of Wales Band Club only.

On Thursday, 23rd August 2007 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Boffa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, Biswit il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, il-Papa Alessandru VII, in-Nofsinhar, il-Majjistral, H. Tabone, Santa Skolastika, Post is-Sagra Infermerija, La Valette, il-Palazz Antik tal-Gvernatur, Sant'Antnin and Misraħ ir-Rebħa.

On Friday, 24th August 2007 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Mina l-Kbira, il-Kardinal, Desain and Misraħ ir-Rebħa.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Awissu 2007 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, il-Mina l-Kbira, Misraħ ir-Rebħa, San Filippu, La Valette, Post is-Sagra Infermerija, Santa Skolastika, H. Tabone, il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, Biswit il-Kwartier u l-Palazz ta' l-Isqof.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Awissu 2007 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: N. Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira u t-Torri San Ġwann.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Awissu 2007 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Boffa, il-Mina l-Kbira, il-Kardinal, Desain, Misraħ ir-Rebħa, il-Palazz ta' l-Isqof, Biswit il-Kwartier, it-Torri ta' San Ġwann, La Valette, Post is-Sagra Infermerija, Santa Skolastika, H. Tabone, San Filippu u l-Kwartieri.

Vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fid-dati u l-ħinijiet imsemmija fit-toroq indikati. Vetturi pparkjati huwa suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Lulju, 2007

On Saturday, 25th August 2007 from 7.00 a.m. onwards through the following streets: Boffa, il-Mina l-Kbira, Misraħ ir-Rebħa, San Filippu, La Valette, Post is-Sagra Infermerija, Santa Skolastika, H. Tabone, il-Kwartier, Paċifiku Scicluna, Biswit il-Kwartier and il-Palazz ta' l-Isqof.

On Saturday, 25th August 2007 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: N. Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira and it-Torri San Ġwann.

On Sunday, 26th August 2007 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Boffa, il-Mina l-Kbira, il-Kardinal, Desain, Misraħ ir-Rebħa, il-Palazz ta' l-Isqof, Biswit il-Kwartier, it-Torri ta' San Ġwann, La Valette, Post is-Sagra Infermerija, Santa Skolastika, H. Tabone, San Filippu and il-Kwartieri.

Vehicles are not allowed to be parked on the dates and times at the indicated streets. Vehicles parked are subject to towing.

27th July, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 76

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Nhar il-Ħamis, it-2 ta' Awissu 2007 bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Feliċ Borg, iċ-Ċawsli, il-Luq, il-Ballut, Vjal in-Naspli, iċ-Ċedru, il-Ħawħa, Ġakaranda, il-Ħarrub, il-Palma, Bruka, Ewkaliptus, Vjal ir-Riħan, L-Inħawi taż-Żwejt, tal-Balal, R. Caruana Dingli, il-Plejju, l-Istefanotis, Misraħ Ċentwarja, il-Fresja u l-Kappella.

Nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu 2007 bejn is-7.30 p.m. u n-12.30 a.m. tas-Sibt, l-4 ta' Awissu 2007 mit-toroq li ġejjin: il-Mensija, is-Santwarju, is-Sebuqa, Torri Lanzon, il-Qasab, il-Qanneb, il-Kunċizzjoni, San Pietru, Birkirkara, Karm Longo, Sqaq Żbibu, il-Korvu, ta' Ċieda, it-Torri Ruman u n-Naxxar.

POLICE NOTICE

No. 76

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder are prohibited on the dates and times indicated.

San Ġwann

On Thursday, 2nd August 2007 between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: Feliċ Borg, iċ-Ċawsli, il-Luq, il-Ballut, Vjal in-Naspli, iċ-Ċedru, il-Ħawħa, Ġakaranda, il-Ħarrub, il-Palma, Bruka, Ewkaliptus, Vjal ir-Riħan, L-Inħawi Taż-Żwejt, tal-Balal, R. Caruana Dingli, il-Plejju, l-Istefanotis, Misraħ Ċentwarja, il-Fresja and il-Kappella.

On Friday, 3rd August 2007 between 7.30 p.m. and 12.30 a.m. of Saturday, 4th August 2007 through the following streets: il-Mensija, is-Santwarju, is-Sebuqa, Torri Lanzon, il-Qasab, il-Qanneb, il-Kunċizzjoni, San Pietru, Birkirkara, Karm Longo, Sqaq Żbibu, il-Korvu, ta' Ċieda, it-Torri Ruman and in-Naxxar.

Nhar is-Sibt, l-4 ta' Awissu 2007 bejn id-9.00 p.m. u s-1.00 a.m. tal-Ħadd, il-5 ta' Awissu 2007 minn Triq in-Naxxar.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Awissu 2007 bejn id-9.15 a.m. u t-3.15 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Ġiljan, it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann ta' l-Għargħar, il-Mensija, Bernardette, Sant'Antnin u n-Naxxar.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Awissu 2007 bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ Lourdes, in-Naxxar, il-Mensija, Bernardette, il-Kapuċċini, il-Kunċizzjoni u n-Naxxar.

Minn nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu 2007 sat-Tnejn, is-6 ta' Awissu 2007 minn Triq il-Kappella.

Is-27 ta' Lulju, 2007

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf illi minħabba ffilmjar ma jitħalliex isir ipparkjar fit-toroq li ġejjin:

Valletta

Nhar is-Sibt, 28 ta' Lulju, 2007 mit-10.00 a.m. sal-5.00 p.m ma' Triq il-Lvant mis-Sur ta' Santa Barbara sa Victoria Gate. Dħul minn Triq il-Lvant mis-Sur ta' Santa Barbara sa Victoria Gate se jkun ikkontrollat b'mod intermittenti. Ma jkunx permess ipparkjar mis-Sur ta' Santa Barbara qrib il-pont.

Mit-8.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-30 ta' Lulju, 2007 sad-9.00 p.m. ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' Awissu, 2007 fil-Parkeġġ ta' Lascaris.

Nhar l-Erbgħa l-1 ta' Awissu, 2007mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. fi Triq il-Lvant mis-Sur ta' Santa Barbara sa Victoria Gate. Dħul minn Triq il-Lvant mis-Sur ta' Santa Barbara sa Victoria Gate se jkun ikkontrollat b'mod intermittenti. Ma jkunx permess ipparkjar mis-Sur ta' Santa Barbara qrib il-pont.

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Awissu, 2007 mis-6.00 a.m. sas-7.00 p.m. ma jitħalliex isir ipparkjar fit-triq ma' Triq id-Dejqa minn kantuniera ma' Triq San Ġwann sa kantuniera ma' Triq il-Karrijiet. Dħul fi Triq id-Dejqa minn kantuniera minn Triq San Ġwann sa kantuniera ma' Triq Melita se jkun ikkontrollat b'mod intermittenti. Ma jkunx permess ipparkjar fi Triq Santa Ursula minn kantuniera ma' Triq l-Arċisqof sa kantuniera ma' Triq San Ġwann. Dħul fi Triq Sant' Ursula minn kantuniera ma' Triq l-Arċisqof sa kantuniera ma' Triq San Ġwann se jkun ikkontrollat b'mod intermittenti.

Mit-8.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Awissu, 2007 sad-9.00 p.m. ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Awissu, 2007 ma jkunx permess ipparkjar fil-parkeġġ ta' Lascaris.

On Saturday, 4th August 2007 between 9.00 p.m. and 1.00 a.m. of Sunday, 5th August 2007 through Triq in-Naxxar.

On Sunday, 5th August 2007 between 9.15 a.m. and 3.15 p.m. through the following streets: San Ġużepp, San Ġiljan, it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann ta' l-Għargħar, il-Mensija, Bernardette, Sant'Antnin and in-Naxxar.

On Sunday, 5th August 2007 between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ Lourdes, in-Naxxar, il-Mensija, Bernardette, il-Kapuċċini, il-Kunċizzjoni and in-Naxxar.

From Friday, 3rd August 2007 till Monday, 6th August 2007 through Triq il-Kappella.

27th July, 2007

MALTA TRANSPORT AUTHORITY

The Malta Transport Authority notifies that due to filming no parking will be permitted in the following streets:

Valletta

On Saturday, 28th July, 2007 from 10.00 a.m. to 5.00 p.m along East Street from St Barbara Bastions up to Victoria Gate. Access to East Street from St Barbara Bastion up to Victoria Gate will be controlled intermittently. On street parking will not be permitted along St Barbara Bastion in the vicinity of bridge.

Between 8.00 p.m. of Monday, 30th July, 2007 and 9.00 p.m.of Thursday, 2nd August, 2007 at the Lascaris Car Park.

On Wednesday 1st August, 2007 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. along East Street from St Barbara Bastion up to Victoria Gate. Access to East Street from St Barbara Bastion up to Victoria Gate will be controlled intermittently. On street parking will not be permitted along St Barbara Bastion in the vicinity of bridge.

On Thursday, 2nd August, 2007 from 6.00 a.m. to 7.00 p.m. on street parking will not be permitted along Strait Street from corner with St John Street up to corner with Cart Street. Access to Strait Street from corner with St John Street up to corner with Melita Street will be controlled intermittently. On street parking will not be permitted along St Ursula Street from corner with Archbishop Street up to corner with St John Street. Access to St Ursula Street from corner with Archbishop Street up to corner with St John Street will be controlled intermittently.

Between 8.00 p.m. of Tuesday, 28th August, 2007 and 9.00 p.m. of Wednesday, 29th August, 2007. Parking will not be permitted at the Lascaris Car Park.

Mit-8.00 p.m. tal-Ħamis, 30 ta' Awissu, 2007 sas-6.00 a.m. tas-Sibt, l-1 ta' Settembru, 2007 ma jitħallief isir ipparkjar fil-parkeġġ ta' Lascaris.

Is-27 ta' Lulju, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjal Mediku fid-Dipartiment tal-*Customer Services*, Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' Uffiċjal Mediku fid-Dipartiment tal-*Customer Services*, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.1 Il-post ta' *Medical Officer* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* għandu salarju ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jiżdied b'Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53) (Skala ta' Salarju 8).

2.2 Uffiċjali Mediċi li jagħmlu tmien snin ta' prattika medika wara sentejn ta' *housemanship* jitpoġġew fi skala ta' salarju 7 (Lm6,948 (€16,184) x 228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) soġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snin fil-każ ta' tobba li jiksbu kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

3.1 Il-ħatra ta' *Medical Officer* tkun bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regoli u regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Dipartiment tal-*Customer Services*. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu in konsiderazzjoni wkoll it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3 Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:-

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

Between 8.00 p.m. of Thursday, 30th August, 2007 and 6.00 a.m. of Saturday, 1st September, 2007 parking will not be permitted at the Lascaris Car Park.

27th July, 2007

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Officer in the Department of Customer Services within the Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications from qualified medical practitioners for the posts of Medical Officer in the Department of Customer Services within the Ministry for Gozo.

2.1 The post of Medical Officer in the Department of Customer Services carries a salary of Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53) (Salary Scale 8).

2.2 Medical Officers who complete eight years medical practice after two years of housemanship shall be placed in salary scale 7 (Lm6,948 (€16,184) x 228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of doctors who obtain an approved post-graduate qualification.

3.1 The appointment of a Medical Officer shall be subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Customer Services. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2 The appointees will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1 Rigward id-dmirijiet tagħha l-persuna nominata taqa' direttament taħt is-superviżjoni tad-Dipartiment.

5.2 Id-dmirijiet tal-persuni nominati jkunu skond il-ħtieġa tad-Dipartiment tal-*Customer Services* li jinkludu li jaqdu dmirhom fil-*Hyperbaric Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Id-dmirijiet ta' l-Uffiċjali Mediċi, meta jkunu qegħdin jaqdu dmirijiet fil-*Hyperbaric Unit*, jinkludu:

(a) l-għoti ta' pariri lill-awtoritajiet ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex f'*diving medicine* u suġġetti relatati;

(b) il-parteċipazzjoni f'tagħlim/istruzzjoni ta' *staff* paramediku u *staff* ta' l-għadds f'*diving medicine* u sigurtà;

(ċ) servizz ta' emerġenza 24 siegħa lill-*Hyperbaric Unit* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

(d) każi ta' emerġenza u elettivi li jirrikjedu trattament ta' *recompression/hyperbaric;*

(e) il-*follow up* neċessarju fuq pazjenti;

(f) li jassiguraw li l-*Hyperbaric Unit* qiegħed jiffunzjona kif suppost il-ħin kollu u li jiġbdu l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-isptar u/jew is-sezzjoni tal-manutenzjoni f'każ li jkun hemm xi ħaġa li mhux qed taħdem sew.

5.3 Il-persuni nominati jkunu meħtieġa li jattendu għat-taħriġ li jkun hemm bżonn u jistgħu jkunu wkoll sponsorjati mid-dipartiment skond ir-responsabiltajiet assenjati.

5.4 Il-persuni nominati jridu jaħdmu kull ħin taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħhom.

6. Il-persuni magħżula jkun jridu jagħmlu użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment tal-*Customer Services*.

7.1 Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal- persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1 The appointees will be directly accountable for their duties to the Department of Customer Services.

5.2 The appointee will be required to work in the Department of Customer Services as required, including the Hyperbaric Unit at the Gozo General Hospital. The duties of Medical Officers, when serving at the Hyperbaric Unit, include:

(a) to advise the authorities of the Gozo General Hospital in diving medicine and related subjects;

(b) to participate in teaching/instruction of paramedical staff and diving personnel in diving medicine and safety;

(c) to offer 24 hour emergency service at the Hyperbaric Unit of the Gozo General Hospital;

(d) to treat emergency and elective cases at the Unit requiring recompression/hyperbaric treatment;

(e) to carry out the necessary follow up of patients;

(f) to ensure that the Hyperbaric Unit at the Gozo General Hospital is fully operational at all times and to immediately draw the attention of the Hospital's authorities and/or the Hospital's Maintenance Section to any malfunctioning.

5.3 The appointees shall be required to attend for training as deemed necessary and may be also sponsored by the department in line with the assigned responsibilities.

5.4 The appointees will work at all times under the supervision of his/her supervisors.

6. The appointees will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Department of Customer Services.

7.1 By the closing time of this call for applications, applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country

terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u fil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Puluzija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

7.2 Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

8.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li jissodisfaw paragrafi 7.1 (a), (b) u (d) li iżda ma jkollhomx il-Liċenzja msemmija f'paragrafu 7.1(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sat-30 ta' Ottubru 2007. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

8.2 Kandidati li jgħaddu taħt paragrafu 8.1 jiġu kkunsidrati biss għall-ħatra meta tiġi eżawrita l-ordni tal-mertu ta' kandidati li jkunu għaddew taħt paragrafu 7.1, u sakemm ikun għad baqa' vakanzi.

9.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabiltà), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza

nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence is so far this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practice the Medical Profession in Malta;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); Those applying form outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

7.2 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

8.1 Applications will also be considered from candidates who satisfy paragraph 7.1 (a), (b) and (d) but are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 7.1(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 30th October 2007. If selected, such candidates must obtain the said Licence before appointment.

8.2 Successful applicants selected under paragraph 8.1, will be considered for appointment after the order of merit of successful applicants under paragraph 7.1 has been exhausted and provided that vacancies are available.

9.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence

dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

10.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċeżżjoni, jintwerew waqt l-intervista.

10.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment reċiventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment *Customer Services,* Ministeru għal Għawdex.

11.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

10.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available, and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Customer Services, Ministry for Gozo.

11.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

11.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mill-fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal-*Corporate Services*, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal-*Corporate Services,* Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard min-nofsinhar *(Central European Time)* ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar *(Central European Time)* tal-Ġimgħa, l-24 ta' Awissu 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-21559866).

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttur tal-*Corporate Services*. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tal-*Corporate Services* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Lulju, 2007

13. Application forms may either be downloaded from the following website:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Human Resources Branch, Corporate Services Department, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria.

14. The prescribed application forms together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Human Resources Branch, Corporate Services Department, Ministry for Gozo, St. Francis Square, Victoria by not later than noon (Central European Time) of Friday, 24th August 2007.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 24th August 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356 - 559866).

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services within seven (7) days.

27th July, 2007

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Preżentatur għal Serje Televiżiva Xjenza TV

Xjenza TV, proġett ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u mmexxi mill-Università ta' Malta, qed jistieden lil min hu interessat biex japplika għall-Preżentatur ta' Programm Televiżiv.

Il-kandidati ideali għal din il-pożizzjoni temporanja għandhom ikunu studenti li se jiggradwaw jew li huma gradwati fix-xjenza, inġinerija jew fit-teknoloġija. L-applikanti għandhom iħossuhom kunfidenti quddiem il-kamera tat-televixin. Preferenza tingħata lil studenti li qed jagħmlu korsijiet fil-Bijoloġija, Kimika, Inġinerija jew Teknoloġija.

Il-programm televiżiv se jinġibed bil-Malti u jiġi trasmess madwar l-Ewropa u fuq l-*internet*. Għalhekk min jintgħażel

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Science TV Series Presenter

The EU-funded TV Project XJENZA-TV, which is coordinated by the University of Malta, is inviting applications for the post of TV Presenter.

The ideal candidates for this temporary post would be presentable undergraduate or post-graduate students in Science or Engineering courses. Female and male applicants must feel comfortable in front of a TV camera and be outgoing. Students in Engineering/IT courses and in Biological/Chemical sciences are preferred.

The TV series will be shot in Maltese and broadcast across Europe and over the internet. The selected candidates

biex jippreżenta, huwa mistenni li jiffirma kuntratt ta' privatezza rigward l-informazzjoni. F'każ li min jintgħażel ikollu anqas minn 18-il sena, ikun hemm bżonn il-permess tal-ġenituri.

L-applikanti mistennija jibagħtu ittra lil *Programme Manager* fuq xjenza-tv@um.edu.mt li tikkonsisti b'ħames paragrafi bil-Malti fejn għandu jingħad għalfejn qed japplikaw u jehmżu ritratt tagħhom. Huwa aktar importanti li l-applikanti jkunu jafu jitkellmu Malti tajjeb, aktar milli kemm jafu jispellu.

L-applikanti għandhom jindikaw ukoll jekk kinux involuti f'xi tip ta' riċerka qabel/wara li gradwaw. Din ir-riċerka tista' tiġi magħżula biex tiġi ppreżentata fil-programm fejn nuru l-istudenti Maltin involuti fi xjenza avvanzata.

Il-kadidati magħżulin se jkollhom l-opportunità li jsiefru għal tliet ġimgħat waqt il-produzzjoni u għalhekk għandhom ikunu disponibbli l-ħin kollu matul dan iż-żmien. Il-preżentaturi jiġu mħallsa fuq rata ta' *part-time* (waqt il-produzzjoni lokali) u l-ispejjeż waqt li qegħdin barra jkunu kollha mħallsa.

L-applikazzjoni tagħlaq fil-31 ta' Awissu 2007

Is-27 ta' Lulju, 2007

may therefore be asked to sign a privacy/information agreement. If under 18 years of age the selected candidate will need parents' permission.

Applicants are to submit a head shot together with a letter consisting of a 5 line paragraph in Maltese indicating why they would like to participate in this project to the Project Manager on xjenza-tv@um.edu.mt or call 2340 2795. Applicants must show a good command of the Maltese language.

Applicants should also indicate if they have been involved in undergraduate/graduate research. This may be chosen for a section of the programme showing Maltese students' involvement in cutting edge/interesting science.

The selected candidate will have the opportunity to film abroad for a three week period and must therefore be available for this short period abroad. Token remuneration is available for the part-time presenters (for local filming) and all travel costs will be paid.

Applications will close on the 31st August, 2007.

27th July, 2007

MINISTERI GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Nominazzjonijiet ta' Kandidati għall-Elezzjoni tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji

Il-Kumissjoni ta' l-Elezzjonijiet, stabbilita bis-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, tgħarraf li nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji se jintlaqgħu minn Ms Mary Farrugia, fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Xatt il-Barriera, Valletta mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ħamis, it-2 ta' Awissu, 2007.

Persuni rreġistrati fir-Reġistru tal-Veterinarji għandhom id-dritt li jiġu nominati, jiġu sekondati, li jinnominaw jew jissekondaw, u li jivvotaw għall-ħatra tal-membri tal-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji.

Kandidati għandhom jiġu nominati bil-miktub fuq formola apposta. Kopji ta' din il-formla jistgħu jinkisbu mingħand Ms Mary Farrugia fl-indirizz imsemmi hawn fuq u mingħand uffiċjali tal-Malta Veterinary Association. Għal kull nominazzjoni tingħata rċevuta.

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

27th July, 2007

IL-FONDAZZJONI TAL-KON-KATIDRAL TA' SAN ĠWANN

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Awissu 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin fil-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, għall-provvista u konsenja fuq il-post ta' heavy duty scaffolding fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Valletta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Triq San Ġwann, Valletta, fuq ħlas ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti għandhom jiġu indirizzati lill-President, Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, Triq San Ġwann, Valletta, VLT 1156.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tal-Fondazzjoni fuq 21 220 536.

Is-27 ta' Lulju, 2007

THE ST JOHN'S CO-CATHEDRAL FOUNDATION

Sealed tenders will be received at St John's Co-Cathedral Foundation up to noon of Friday, 10th August 2007, for the supply and delivery to site of heavy duty scaffolding at the St John's Co-Cathedral, Valletta.

Tender documents may be obtained from the St John's Co-Cathedral Foundation, St John's Co-Cathedral, Triq San Ġwann, Valletta, on payment of a fee of Lm5 (€11.65) for every copy of tender document.

Tenders should be addressed to The President, the St John's Co-Cathedral Foundation, Triq San Ġwann, Valletta, VLT 1156.

Further information may be obtained from the Foundation Offices on 21 220 536.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI KERĊEM

Il-Kunsill Lokali Kerċem jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Awissu 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Kanal għal-ilma tax-xita matul Triq l-Avukat Anton Calleja, Sqaq Xirfi u Triq it-Torri, Kerċem.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali Kerċem fuq dritt ta' ħlas ta' Lm10 (€23.29).

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali matul il-ħinijiet normali ta' l-uffiċċju.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

KERĊEM LOCAL COUNCIL

The Kerċem Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Friday, 17th August 2007, for:-

Storm water culvert along Triq l-Avukat Anton Calleja, Sqaq Xirfi and Triq it-Torri, Kerċem.

Forms of tender may be withdrawn from the Kerċem Local Council against a fee of Lm10 (€23.29).

Further information may be obtained from the Executive Secretary of the Local Council during normal office hours.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI GĦAXAQ

Il-Kunsill Lokali Għaxaq jgħarraf illi:-

Sas-1.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Awissu 2007, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. GHLC 04/07. Tindif u knis ta' toroq urbani u mhux urbani.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€56.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'15, Vjal il-Labour, Għaxaq, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju soġġett għall-ħlas indikat għal kull dokument. L-offerti jinfetħu fid-data u l-ħin ta' l-għeluq fil-preżenza tal-pubbliku.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta li tidher vantaġġuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

GĦAXAQ LOCAL COUNCIL

The Għaxaq Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Council's Administrative Office up to 1.00 p.m. of Tuesday, 28th August 2007, for:-

Advt. No. GHLC 04/07. Street sweeping and cleaning of urban and non-urban roads.

A fee of Lm20 (€46.59) should be paid for each copy of this tender document.

Tender documents are obtainable from the Council's Administrative Office 15, Vjal il-Labour, Għaxaq, during office hours subject to the payment of fees indicated for each document. Tenders will be opened at the closing time and date in the presence of the public.

The Council reserves the right to refuse even the most seemingly advantegeous offer.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI RABAT (GĦAWDEX)

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Rabat (Għawdex) jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-8 ta' Awissu 2007, fil-Kunsill Lokali tar-Rabat (Għawdex) jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 2. Tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi mhux *attended*.

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' Awissu 2007, fil-Kunsill Lokali tar-Rabat (Għawdex) jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 3. Kisi ta' toroq bil-*porfido*.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar fuq ħlas ta' Lm15 (€34.94) għal kull dokument ta' l-offerta.

Il-Kunsill Lokali mhux obbligat li jagħżel l-orħos offerta.

Is-27 ta' Lulju, 2007

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Rabat (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the Rabat (Gozo) Local Council up to noon of Wednesday, 8th August 2007, for:-

Advt. No. 2. Cleaning and maintenance of non attended public conveniences.

Sealed tenders will be received in the Rabat (Gozo) Local Council up to noon of Monday, 20th August 2007, for:-

Advt. No. 3. Surfacing of roads with porfido.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Local Council's office between Monday and Friday from 8.00 a.m. to noon at a fee of Lm15 (€34.94) for each tender document.

The Local Council is not bound to choose the cheapest offer.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-3 ta' Awissu 2007, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 02/2007. Xogħlijiet ta' alterazzjonijiet u modernizzar ta' l-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.23) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kwot. Nru. 08/2007. Servizz ta' traduttur mill-lingwa taljana għall-malti.

Kwot. Nru. 09/2007. Twaqqigħ u tneħħija ta' ħajt tat-taraġ (Triq Beatu Dun Ġorġ Preca).

Kwot. Nru. 10/2007. Provvista u stallazzjoni ta' poġġaman galvanizzat (Triq Beatu Dun Ġorġ Preca).

Kwot. Nru. 11/2007. Stampar ta' ktejjeb ta' 16-il paġna - A Guide through Pembroke.

Kwot. Nru. 12/2007. Uffiċċju temporanju *(mobile)*.

L-offerti/kwotazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi f'envelop magħluq. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke, Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-offerti/kwotazzjonijiet jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Pembroke jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni jew parti minnha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Friday, 3rd August 2007, for:-

Advt. No. 02/2007. Alterations and refurbishment of the Council's Administrative Offices.

A fee of Lm25 (€58.23) should be paid for each copy of this tender document.

Quot. No. 08/2007. Service of an Italian language translator.

Quot. No. 09/2007. Removal and cart away of stairwell (Triq Beatu Dun Ġorġ Preca).

Quot. No. 10/2007. Supply and installation of galvanised railing (Triq Beatu Dun Ġorġ Preca).

Quot. No. 11/2007. Printing of 16 page booklet - A Guide through Pembroke.

Quot. No. 12/2007. Mobile site office.

All tenders/quotations are to be submitted in sealed envelopes. Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq Alamein, Pembroke, during office hours.

Tenders/quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender/quotation or part there of, even the most advantageous.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Awissu, 2007, jilqa' kwotazzjonijiet magħluqin għal xogħlijiet ta' bażi tal-konkos għall-arblu ta' bandiera fi Triq Sant' Anna.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jinkisbu mingħajr ħlas mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that sealed quotations will be received up to noon of Friday, 10th August 2007 for formation works of a flagpole concrete foundation.

Documents can be collected free of charge from the Council's offices, 15, Pjazza E.S. Tonna, Floriana.

The Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali Rabat (Malta) jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-21 ta' Awissu, 2007 jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. RLC T0057/2007. Manutenzjoni u żamma tal-latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ.

Avviż Nru. RLC T0058/2007. Tisqija tas-sigar fil-qsari.

Avviż Nru. RLC T0059/2007. Tindif ta' kanali.

Avviż Nru. RLC T0060/2007. Servizz ta' *Contract Manager* u *Civic Design Consultant*.

Avviż Nru. RLC T0061/2007. Ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali bieb bieb, skart goff u tbattil ta' *skips*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. RLC T0062/2007. Provvista ta' materjali għall-kisi mill-ġdid biex isebbħu Pjazza San Pawl.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. RLC T0063/2007. Stallazzjoni ta' elettriku għad-dawl fit-toroq biex isebbħu Pjazza San Pawl.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. RLC T0064/2007. Għamara tat-toroq għat-Tisbiħ ta' Pjazza San Pawl.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull dokument ta' l-offerta.

Id-dokumenti jistgħu jinġabru mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Rabat, 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat, bi ħlas għal kull dokument, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-27 ta' Lulju, 2007

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 21st August, 2007, for:-

Advt. No. RLC T0057/2007. Maintenance and upkeep of public convenience at Triq il-Kulleġġ.

Advt. No. RLC T0058/2007. Watering of trees in pots.

Advt. No. RLC T0059/2007. Cleaning of culverts.

Advt. No. RLC T0060/2007. Service of Contract Manager and Civic Design Consultant.

Advt. No. RLC T0061/2007. Collection of domestic and commercial waste door to door, bulky refuse and emptying of skips.

A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each tender document.

Advt. No. RLC T0062/2007. Supply of resurfacing materials for the embellishment of Pjazza San Pawl.

A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each tender document.

Advt. No. RLC T0063/2007. Electrical installation of street lighting for the embellishment of Pjazza San Pawl.

A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each tender document.

Advt. No. RLC T0064/2007. Street furniture for the embellishment of Pjazza San Pawl.

A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each tender document.

Tender documents can be obtained from the Rabat Local Council's Administrative Offices, 8, Triq l-Isptar, Rabat, at a fee for each document, from Monday to Friday, between 8.30 a.m. and noon.

The Council reserves the right to refuse even the most advantageous tender.

27th July, 2007

KUNSILL LOKALI BIRGU

Il-Kunsill Lokali Birgu jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-13 ta' Awissu 2007 fil-kaxxa ta' l-offerti apposta jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. BR 03/07. Ġbir ta' skart goff.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull dokument ta' l-offerta

L-offerti jinfetħu minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq u l-ebda offerta oħra ma tiġi aċċettata wara l-ħin stipulat.

Aktar dettalji u dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mill-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Birgu.

Il-Kunsill Lokali mhux marbut li jaċċetta l-aktar offerta vantaġġuża jew kull offerta li jirċievi.

Is-27 ta' Lulju, 2007

BIRGU LOCAL COUNCIL

The Birgu Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received in the appropriate tender box up to noon of Monday, 13th August 2007, for:-

Advt. No. BR 03/07. Collection of bulky refuse.

A fee of Lm15 (€34.94) is to be paid for each tender document.

Tenders will be opened in public immediately after the closing time and no other tender will be accepted after the stipulated time.

Further details and tender documents may be obtained from the Administrative Offices of the Birgu Local Council

The Local Council is not bound to accept the most advantegeous or any tender received.

27th July, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1035

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju 2007, fl-atti tar-Rikors numru 520/2007 FS, fl-ismijiet Salv Bezzina & Sons Ltd vs Borg Paul , ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Salv Bezzina & Sons Limited (C- C 350) vs Paul Borg, fl-14 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti talbu l-intimat għaliex dina l-Qorti ma għandhiex (1) taqta' u tiddeċiedi l-kawża ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u cioé bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża u (2) tikkundannah iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Lm9,303.30 (€21,670.86) skond kif fuq spjegat kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-imgħax leġali minn kull skadenza sal-ġuranata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż, kontra l-intimat li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Xhieda.

Dokumenti esebiti.

Rikorrenti: 1-3, Church Wharf, il-Marsa.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 20th June 2007, in the records of the Application number 520/2007 FS, in the names Salv Bezzina & Sons Ltd vs Borg Paul, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court in the names Salv Bezzina & Sons Limited (C–C 350) vs Paul Borg on the 14th May 2007, the applicants asked the respondent why this Honourable Court should not (1) decide the cause in terms of Article 167 of the Code of Civil Procedure and that is without proceeding to a hearing of the cause and (2) condemn him to pay the applicants the amount of Lm9,303.30 (€21,670.86) as above explained everything as stated above and for the reasons premised.

With legal interest from every instalment till the date of effective payment and with costs against the respondent, from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Witnesses.

Documents exhibited.

Applicants: 1-3, Church Wharf, Marsa.

Intimat: 42, Lenid, Triq il-Ħawt, is-Swieqi.

Ir-Rikors Numru 520/2007 FS, fl-ismijiet Salv Bezzina & Sons Ltd vs Borg Paul jinsab differit għas-17 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent; 42, Lenid, il-Ħawt Street, Swieqi.

The Application Number 520/2007 FS, in the names Salv Bezzina & Sons Ltd vs Borg Paul has been put off to the 17th October 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1036

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuridizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Lulju 2007, in segwitu għar-Rikors ta' Joseph Busuttil, Rikors numru 444/2007, ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testment sigriet ta' Carmela Cachia, xebba, bint il-mejtin Giorgio Cachia u Maria Assunta neé Giordimaina, imwielda Tas-Sliema u mietet Pietà, fit-13 ta' Mejju 2007, ta' 80 sena u li kellha karta ta' l-identità numru 0468326(M).

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment għandu jsir nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Awissu 2007, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) fl-Annexe tal-Qorti fi 22, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, b'att tan-Nutar Dottor Pierre Attard.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 24 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 20th July 2007, following an Application of Joseph Busuttil, Application number 444/2007, ordered the opening and publication of the secret will, of Carmela Cachia, unmarried, daughter of the late Giorgio Cachia and Maria Assunta neé Giordimaina, born in Sliema and who died in Pietà, on the 13th May 2007, aged 80 and who had identity card number 0468326(M).

The opening and publication of this will shall be held on Friday, 31st August 2007, at ten thirty in the morning (10.30 a.m.) at the Court Annexe at 22, Strait Street, Valletta, by deed of Notary Dr Pierre Attard.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 24th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1037

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi in segwitu għar-Rikors ta' Josephine Palmer, Henry Albert Savona u Noel Patrick Groves, liema Rikors iġib in-numru 430/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Percy William John Phillips, magħruf bħala Percy Horace Phillips, bin il-mejtin Percy Horace Phillips u Mary Josephine neé Rutter sive Rutter Giappone, imwieled San Ġiljan u miet Mosta, matul is-sena 1993, kważi madwar sena qabel it-2 ta' Awissu 1994 ta' 85 sena, mingħajr testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex

It is hereby notified that following an Application of Josephine Palmer, Henry Albert Savona and Noel Patrick Groves, which Application bears the number 430/2007, whereby they asked that it be declared open in their favour in the quota of one-third (1/3) undivided share in favour of each one of them the SUCCESSION of Percy William John Phillips, known as Percy Horace Philiips, son of the late Percy Horace Phillips and Mary Josephine neé Rutter sive Rutter Giappone, born in St Julian's and died in Mosta, during the year 1993, almost a year before the 2nd August 1994, intestate, aged 85, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called

b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 24 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 24th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1038

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti 20 ta' Lulju 2007, fl-atti tar-Rikors Ġenerali Nru 87/07, fl-ismijiet Alexander Mifsud vs X, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)

Alexander Mifsud Vs X

Rikors ta' Alexander Mifsud ID 272476(M)

Jesponi bir-rispett:

Illi huwa l-missier naturali ta' Catriel li twieled fit-2 ta' April 1996 (Dok A)

Illi omm il-minuri hija Claire Aquilina (single) (Dok A)

Illi r-rikorrenti ilu jrabbi lill-istess minuri Catriel sa minn mindu kellu sena u tmien xhur ...Omissis....

Illi l-esponenti għandu missieru jgħix l-Ingilterra f'144, Sullivan Road, Showling, Hants SO1 90 HX f' Southampton, l-Ingilterra.

Illi l-esponenti jixtieq li jmur jara lil missieru l-Ingilterra u jieħu miegħu lil ibnu minuri Catriel bejn il-15 ta' Lulju u d-29 ta' Lulju 2007 u b'nota ppreżentata fl-atti ta' dan ir-Rikors fis-16 ta' Lulju 2007, ġie indikat illi d-data tas-safar issa hija bejn il-15 u 29 ta' Awissu 2007.

Illi huwa diġà ngħata l-awtorizzazzjoni minn din il-

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 20th July 2007, in the records of the General Application Number 87/07, in the names Alexander Mifsud vs X, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Civil Court (Family Section)

Alexander Mifsud Vs X

Application of Alexander Mifsud ID 272476(M)

Pleads with respect;

That he is the natural father of Catriel who was born on the 2nd April 1996 (Doc A)

That the mother of the minor is Claire Aquilina (single) (Doc A).

That the applicant has taken care of the same minor Catriel since he was one year eight months old ...Omissis....

That the applicant has his father living in England at 144, Sullivan Road, Showling, Hants SO1 90 HX in Southampton, England.

That the applicant wishes to go and see his father in England and take with him the minor son Catriel between the 15th July and the 29th July 2007 and by a note filed in the records of this Application on the 16th July 2007, it was indicated that they were going abroad between the 15th and 29th of August 2007.

That he was already authorized by this Court for various

Qorti għal diversi drabi f'dati preċedenti u cioè permezz ta' digrieti: 315/2005 bid-data tas-17 ta' Marzu 2005 (Dok. B) u digriet numru 1594/05 ta' l-1 ta' Novembru 2005 (Dok. C).

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha tawtorizzah li jsiefer miegħu lil ibnu Catriel Mifsud bejn il-15 u 29 ta' Awissu 2007, kif indika bin-nota hawn fuq imsemmija tas-16 ta' Lulju 2007, u jkun jista' jiffirma kwalunkwe dokument għal dan il-għan għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

Rik: St. Joseph Mansions, Flat 4, New Street, Luqa.

Notifika: Ms Claire Aquilina, 49, St. Domenic Street, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 24 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

times in preceding dates and that is by decrees; 315/2005 with the date of the 17th March 2005 (Doc B) and decree number 1594/05 of the 1st November 2005 (Doc C).

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court authorizes him to take abroad his son Catriel Mifsud between the 15 and 29th August 2007, as he indicated by the note above mentioned of the 16th July 2007 and that he can sign any document for all intents and purposes of law.

Applicant: St. Joseph Mansions, Flat 4, New Street, Luqa.

Notify: Ms Claire Aquilina, 49, St. Domenic Street, Zabbar.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 24 th July 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1039

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Anna Maria Bonello (ID 230975M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fil-21 ta' Ġunju 2005 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 192/00MM) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' April 2000, il-konvenuta ġiet kkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u disgħa u sebgħin lira Maltija u sittax-il ċenteżmu Lm879.16 (€2,047.89), bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi mal-imsemmija somma jridu jiżdiedu l-ammont ta' tliet mija u tlieta u sittin lira Maltija u tmienja u tletin ċenteżmu Lm363.38 (€846.45) imgħax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-10 ta' Ġunju 2005, oltre sebgħa u disgħin lira u tlieta u tletin ċenteżmu Lm97.33 (€226.72) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument A. Għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf tlett mija u disgħa u tletin

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 3rd October 2005, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Anna Maria Bonello (ID230975M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 21st June 2005 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not. No. 192/00MM) decided by the said Court on the 10th April 2000, the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of eight hundred and seventy nine Maltese liri and sixteen cents Lm879.16 (€2,047.89), with interest and costs.

Together with the amount due the amount of three hundred and sixty three Maltese liri and thirty eight cents Lm363.38 (€846.45) legal interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of judgement till the 10th June 2005, and ninety seven Maltese liri and thirty three cents Lm97.33 (€226.72) costs and legal fees as per attached bill of costs marked Document A are to be added with the amount due. So the amount due is one thousand three hundred and thirty nine

lira Maltija u sebgħa u tmenin ċenteżmu Lm1,339.87 (€3,121.06) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa
Intimati: Anna Maria Bonello – 6, Flat 2, Triq it-Turġien, Valletta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

Maġistrat: Dott Michael Mallia

Maltacom plc

Vs

Anna Maria Bonello

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;
Tordna notifika lill-intimata b'erbat ijiem żmien għar-risposta.

Illum, 22 ta' Ġunju 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Maltese liri and eighty seven cents Lm1,339.87 (€3,121.06) saving any further interest till the date of effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants togather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.
Defendant: Anna Maria Bonello - 6, Flat 2, Triq it-Turġien, Valletta.

In the Court of Magistrates Malta

Magistrate Dr Michael Mallia

Maltacom plc

Vs

Anna Maria Bonello

The Court,

Saw the application,
Orders that the respondent be notified and has to file a reply within four days.

Today, 22nd June 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 23rd July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1040

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3019/06 fl-ismijiet David Vatter et vs Alessio Mifsud et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 14 ta' Settembru 2006

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 14th February 2007, in the records of the judicial letter number 3019/06, in the names David Vatter et vs Alessio Mifsud et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today, 14th September 2006

Lil Alessio u Emily konjugi Mifsud
21, 'St. Joseph'
Triq Salvu Barbara
Mosta.

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali David, ID 546573(M) u Theresa ID 715754(M) konjugi Vatter, Achille u Joan konjugi Pace u Mark Barbara f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' ħutu Sharon Bonici Mompalao u Michael Bonici Mompalao, ilkoll bħala sidien tal-fondi numri 15, 13/1 u 13/2 fi Triq Salvu Barbara, Mosta, u ko-proprjetarji tad-'drive-in' adjaċenti filwaqt illi jagħmlu riferenza għat-tieqa li l-intimati fetħu xi snin ilu fil-ħajt diviżorju li jifred il-proprjetà ta' l-intimati u d-'drive-in' proprjetà mittenti, jinterpellaw lill-intimati sabiex sa żmien tlett ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali jagħlqu bil-ġebel it-tieqa msemmija, liema tieqa nfetħet b'mera tolleranza da parti tas-sidien.

Fin-nuqqas li l-intimati jwettqu dak minnhom mitlub fiż-żmien lilhom konċess il-mittenti se jipproċedu kontra l-intimati mingħajr pre-avviż ieħor u se jinżammu responsabbli għad-danni kollha li għad ibagħtu jekk il-bejgħ tal-proprjetà tagħhom li għandhom f'idejhom, jisfratta minħabba nuqqas ta' l-intimati.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż.

Mittenti: 15, Al-Montaha, Triq Salvu Barbara, Mosta.

Notifika: 21, 'St. Joseph', Triq Salvu Barbara, Mosta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

To Alessio and Emily spouses Mifsud
21, 'St. Joseph'
Salvu Barbara Street,
Mosta.

By the present judicial letter David, ID 546573(M) and Theresa ID 715754(M) spouses Vatter, Achille and Joan spouses Pace and Mark Barbara in his own name and as mandatary of his brother and sister Sharon Bonici Mompalao and Michael Bonici Mompalao, all as owners of the premises numbers 15, 13/1 and 13/2 in Salvu Barbara Street, Mosta, and co-owners of the adjacent 'drive-in' whilst referring to the window that the respondents had opened some time ago in the diving wall which separates the property of the respondents and the 'drive-in' property of the interpellants, call upon the respondents so that within three days from the service of this judicial letter they close by means of stones the window mentioned, which window was opened by mere tolerance, on the part of the owners.

If the respondents fail to carry out that asked from them within the time given to them the interpellants, shall proceed against the respondents without any other prior notice and shall be held responsible for all the damages they shall suffer if the sale of the property, they have in their possession, shall be disrupted due to the failure of the respondents.

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Interpellant: 15, Al-Montaha, Salvu Barbara Street, Mosta.

Service: 21, 'St. Joseph', Salvu Barbara Street, Mosta.

Registry of the Superior Courts, today 24th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1041

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi in segwitu għar-Rikors ta' Carmelo Demicoli u oħrajn, rikors Nru 316/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż favur ħu d-decujus Giuseppe Spiteri; fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom favur is-seba' wlied ta' oħt id-decujus il-mejta Paola Galea, liema ulied jisimhom Daniel, Olga mart Joe Mercieca, Charles, Joe, Paul, Mikiel u Jeffrey, ilkoll aħwa Galea, fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż bejniethom, favur iż-żewġ ulied ta' oħt id-decujus il-mejta Giuseppa Demicoli, liema wlied jisimhom Carmelo u Anna mart Thomas Gauci, aħwa Demicoli; u fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż favur Carmelo Demicoli, li jiġi n-neputi ta' Tona Spiteri, li tiġi oħt id-decujus, is-SUĊĊESSJONI ta'

It is hereby notified that following an Application of Carmelo Demicoli and others, application number 316/2007, whereby they asked that it be declared open in the quota of one-fourth (1/4) undivided share in favour of the brother of the decujus Giuseppe Spiteri, in the quota of one-fourth (1/4) undivided share between the seven children of the sister of the decujus the deceased Paola Galea, which children are called Daniel,Olga wife of Joe Mercieca, Charles, Joe, Paul, Mikiel and Jeffrey, al brothers and sisters Galea, in the quota of one-fourth (1/4) undivided share between them, in favour of the two children of the sister of the decujus the deceased Giuseppa Demicoli, which children are called Carmelo and Anna wife of Thomas Gauci, brother and sister Demicoli, and in the quota of one-fourth (1/4) undivided

Crocefisso Spiteri, ġuvni, iben il-mejtin Carmel u Anna neé Casha, imwieled Birkirkarta u miet f'Wayne, Michigan, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fis-7 ta' Lulju 1997, ta' 73 sena u li miet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 25 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

share in favour of Carmelo Demicoli, who is the nephew of Tona Spiteri, sister of the decujus, the SUCCESSION of Crocefisso Spiteri, bachelor, son of the late Carmel and Anna nee' Casha, born in Birkirkara and who died in Wayne, Michigan, United States of America, on the 7th July 1997, aged 73 and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition in terms of Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 25th July 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1042

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) fid-19 ta' Ġunju 2007, minn Francis Tonna u oħrajn, rikors numru 393/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur l-istess Francis, Maria, John, Santu u John Mary, aħwa Tonna u aħwa tad-decujus hawn taħt imsemmi u dan fi kwota ta' sesta parti indiviża (1/6) kull wieħed u waħda minnhom, u favur Joseph, Francesca Saveria Attard, Nazzarena Mifsud, Maria Assunta Camilleri, Benedict u Paul ilkoll aħwa Borg, ulied il-mejta Carmela mart Emanuel Borg li tiġi oħt id-decujus, u dan fi kwoti ta' parti waħda minn sitta u tletin parti (1/36) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, is-SUĊĊESSJONI ta' Tommaso Tonna, ġuvni, iben il-mejtin Giuseppe Tonna u Nazzarena neé Tonna, imwieled u kien joqgħod il-Mosta u miet Pietà fit-23 ta' Diċembru 2006, ta' 77 sena, bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 26 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 19th June 2007, by Francis Tonna and others, application number 393/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Francis, Maria, John, Santu and John Mary, brothers and sister Tonna, and brothers and sister of the decujus hereunder mentioned and this in the quota of one-sixth (1/6) undivided part in favour of each one of them, and in favour of Joseph, Francesca Saveria Attard, Nazzarena Mifsud, Maria Assunta Camilleri, Benedict and Paul all brothers and sisters Borg, children of the late Carmela wife of Emanuel Borg which is the sister of the decujus, and this in the quota of one-thirty sixth (1/36) undivided share in favour of each one of them, the SUCCESSION of Tommaso Tonna, bachelor, son of the late Giuseppe Tonna and Nazzarena neé Tonna, who was born and resided in Mosta and died in Pietà on the 23rd December 2006, intestate, aged 77, and thus the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 26th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1043

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 1035/07 FS, fl-ismijiet Deguara Francis vs F.R.M. Holdings Ltd et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Paul Micallef u Landscape Properties Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet (Rikorrent) Francis Deguara bil-karta ta' l-identità numru 470146(M) kontra (Intimat) (1) F.R.M. Holdings Limited (2) Paul Micallef u (3) Landscape Properties Limited, fit-13 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti Francis Deguara ID 470146(M) espona bir-rispett;

Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimat milli jkomplu jiddemolixxu u/ jew jagħmlu kwalsijasi tip ta' żvilupp, anke permezz ta' terzi, fuq is-segwenti proprjetà : a) il-fond dar illi għadha in shell form u bil-garaxx miegħu, liema dar hija ċirkondata bi ġnien tagħha u aċċessibbli minn drive-way privata żbokkanti fi triq ġdida li llum jisimha Triq Thomas Ashby, ġa Triq ir-Ridott, f'Marsaskala liema dar għadha bla numru ċiviku u jisimha 'Sea Spray' u (b) biċċa art fabbrikabbli adjaċenti għal dar u ġardina msemmija fl-ewwel paragrafu u tal-kejl superfiċjali ta' ċirka tomna waħda (jew elf mija tnejn u erbgħin metru kwadru) u aċċessibbli mill-ġardina msemmija, però separata minnha permezz ta' ħajt diviżorju din id-dar u l-art tikkonfina min-naħa ta' Lvant ma' xatt il-baħar, mill-Punent in parti ma' bini ta' Edward Cassar u in parti ma' beni ta' ċertu Vincent Scerri jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu u min-Nofsinhar ma' beni tal-Curia Arċiveskovili jew irjieħ verjuri u liema artijiet jifformaw parti mit-territorju magħruf 'il-ponta tal-Miġnuna'.

Illi dwar din il-proprjetà hemm kawża għaddejja quddiem din il-Qorti fl-ismijiet Francis Deguara vs FRM Holdings Ltd et (Ċit. Numru 838/02 JA) u tinsab differita għas-sentenza għal 14 ta' Novembru 2007.

Illi dan l-aħħar wieħed mill-intimati beda jagħmel xogħlijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni f'dan il-fond u f'każ li l-kawża hawn fuq imsemmija tiġi deċiża b'mod favorevoli għar-rikorrent, allura huwa se jsofri preġudizzju irremedjabbli.

Jeħtieġ ukoll illi sakemm issir in-notifika u jingħata d-digriet finali din l-Onorabbli Qorti takkorda proviżorjament it-talba.

Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif jingħad.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ fuq imsemmija.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 19th July 2007, in the records of the Application Number 1035/07 FS, in the names Deguara Francis vs F.R.M. Holdings Limited et, ordered the following publication for the purpose of services of the respondents Paul Micallef and Landscape Properties Limited, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Francis Deguara identity card number 470146(M) against (Respondent) (1) F.R.M. Holdings Limited (2) Paul Micallef and (3) Landscape Properties Limited, on the 13th July 2007, the applicant Francis Deguara ID 470146(M) pleaded with respect;

That the applicant in order to safeguard his rights, wishes to withhold the respondent from continuing to demolish and/ or make any type of development, even by means of third parties on the following properties: a) the premises house which is still in shell form and with a garage, which house is surrounded with its garden and accessible from a private drive-way which abbutts in a new street which is today named Thomas Ashby Street, previously Ridott Street in Marsaskala, which house is still without an official number and is called 'Sea Spray' and b) a building site adjacent to the house and garden mentioned in the first paragraph and of the superficial area of circa one tumolo (or one thousand one hundred and forty two square metres) and accessible from the said garden, however separated from it, by means of a dividing wall, this house and land border on the East with the seafront, on the West in part with property of Edward Cassar and in part with property of a certain Vincent Scerri or their successors in title and on the South with property of the Archbishop's Curia or more correct boundaries and which lands for part of the territory known as 'il-ponta tal-Miġnuna'.

That regarding this property a lawsuit is pending before this Court in the names Francis Deguara vs FRM Holdings Ltd et (Writ of Summons Number 838/02 JA) and is put of for judgement to the 14th November 2007.

That lately one of the respondents started to carry out demolition works and construction in this premises and in case the lawsuit above mentioned is decided favourably in favour of the applicant, he shall suffer irremediable prejudice.

It is also necessary that till service is effected and the final decree is given this Honourable Court, provisionally upholds the demand.

That the applicant shall be prejudiced if the respondent is not withheld as stated.

Thus the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the issuing of a warrant of prohibitory injunction in order that he be withheld from continuing to carry out the acts mentioned.

Iffirmat: Avv. Vincent Galea.

Iffirmat: Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil.

Illum, 13 ta' Lulju 2007.

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' PL J.P. Busuttil, bħala xhud ta' l-identità u ppreżentat minn PL J. P. Busuttil.

Saviour Aquilina, BA (Hons) MA.
Deputat Reġistratur

Mandat ta' Inibizzjoni

Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skond il-liġi għall-ordni infraskritt.

…Omissis…

U wara li tagħmel dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat, inti għandek minnufih tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili bix-xhieda ta' l-Onor. Lino Farrugia Sacco, LL.D., Duttur tal-Liġi.

Rikorrent; 215, Żabbar Road, Paola.

Intimat: 1 …Omissis…

2. Paul Micallef – 'Sunrise Farm' – St. Leonard Street, Żabbar.

3. Landscape Properties Ltd – Mandalay, Hompesch Road, Fgura.

Eżekuzzjoni: Villa Sea Spray, Triq Thomas Ashby, Marsaskala.

Ir-Rikors Numru 1035/2007 FS, fl-ismijiet Deguara Francis vs F.R.M. Holdings Ltd et jinsab differit għas-smigħ għat-30 ta' Lulju 2007, fl-10.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Signed: Adv. Vincent Galea.

Signed: Legal Procurator Jean Pierre Busuttil.

Today, 13th July 2007.

Confirmed before me under oath after I read its contents and in the presence of LP J .P. Busuttil, as witness of identity and filed by LP J.P. Busuttil.

Saviour Aquilina, BA (Hons) MA.
Deputy Registrar.

Warrant of Prohibitory Injunction

Republic of Malta

Warrant of Court

To the Marshall of the Courts

Whereas the application above was filed and there recurr the elements required by Law for the under mentioned order.

…Omissis…

And after doing this, or if you encounter any obstacle in the execution of this warrant, you are to inform this Court.

Given by the Civil Court with the evidence of the Hon. Lino Farrugia Sacco, LL.D. Doctor of Laws.

Applicant: 215, Żabbar Road, Paola.

Respondent: 1…Omissis…

2. Paul Micallef –'Sunrise Farm' – St. Leonard Street, Żabbar.

3. Landscape Properties Ltd – Mandalay, Hompesch Road, Fgura.

Execution: Villa Sea Spray, Thomas Ashby Street, Marsaskala.

The Application Number 1035/2007 FS, in the names Deguara Francis vs F. R. M. Holdings Ltd et, has been put off for hearing to the 30th July 2007, at 10.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 26th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*